MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 24

Il-Ġimgħa 20 ta' Frar 2026

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġużè' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex' nhar il-Ġimgħa 20 ta' Frar 2026 fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur John Farrugia – Kunsillier
Is-Sur John Cassar - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Il-Munxar

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 24.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;

24.1.1 Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti li l-Kunsillier Mark Busuttil informa lill-Kunsill li ser ikun indispost u ma jistax jattendi għal-laqgħa minħabba raġunijiet ta' xogħol. Il-membri tal-Kunsill li kienu preżenti aċċettaw l-ittra ta' apoloġija.

### 24.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

24.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 23 ġew ċirkolati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

24.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

24.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Dawk preżenti kienu favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 24.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

24.3.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri, għarraf lill-membri preżenti li l-attivita' tal-Karnival ġiet imtella' b'suċċess kien hemm attendenza numeruża mill-pubbliku. L-amministrazzjoni tal-Kunsill issa għaddejja bil-proċessi ta' ħlas għas-servizzi mogħtija kif ukoll ħidma amministrattiva biex jiġu sottomessi l-*claims* għal rimbors mal-ministeri u l-entitajiet rispettivi.

24.3.2 Is-Sindku informa lill-membri li hekk kif maqbul f'laqgħat preċedenti, il-ġimgħa d-dieħla ser jibda xi xogħol ta' manutenzjoni madwar il-lokalita' fosthom fuq l-*istormwater culvert* tal-Pjazza tal-Knisja, il-pavimentar quddiem il-Knisja kif ukoll xogħol ta' *patching* bit-tarmak f'diversi nħawi. Kien hemm qbil dwar dan mill-membri.

Kunsill Lokali Il-Munxar

24.3.3 Is-Sindku ressaq għall-attenzjoni tal-membri li minn kif jidher, qed ikun hemm xogħol ta' preparamenti biex issir mill-ġdid Triq il-Għajn fil-lokalita' tal-Fontana liema xogħol eventwalment iwassal għal influss akbar ta' vetturi li jgħaddu minn Triq il-Munxar. Wara diskussjoni bejn il-membri preżenti, kien hemm qbil sabiex la darba tingħalaq Triq il-Għajn fil-Fontana, Triq il-Munxar tiġi *one-way* b'aċċess għall-vetturi direzzjoni mix-Xlendi għal Munxar ħlief għar-residenti ta' Triq il-Munxar li jkunu jistgħu jinżlu lejn ir-residenza tagħhom.

**24.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

24.4.1 Il-Kunsillier John Cassar ġibed l-attenzjoni sabiex isir xogħol ta' qtugħ u tindif tal-qasab fil-Wied tax-Xlendi minħabba l-periklu għall-vetturi kif ukoll staqsa dwar il-magna tal-BCRS tal-fliexken tar-riċiklaġġ li issa qiegħda tiffunzjona f'Pjazza Anfori fix-Xlendi.

**24.5 Proġetti u Inizjattivi fil-Lokalita';**

24.5.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-amministrazzjoni tal-Kunsill għaddejja b'ħidma sabiex il-Kunsill jottjeni l-permessi neċessarji biex jiġu nstallati d-dwal dekorattiv fi Triq Rumani u Triq Kavallier fix-Xlendi, kif ukoll ir-*railing* ta' parti oħra minn Triq San Xmun fix-Xlendi. Il-proċess tas-sejħa għall-offerti tad-dwal dekorattiv ġie konkluż u ser jiġi ffirmat il-kuntratt fil-jiem li ġejjin, filwaqt li s-sejħa għall-offerti għar-*railings* ser tiġi ppublikata fil-jiem li ġejjin.

24.5.2 Fir-rigward tal-proġett fi Triq Santa Dminka fil-Munxar, il-Kunsill bħalissa qed jiffinalizza l-aħħar xogħlijiet. Fl-istess ħin, flimkien mal-Perit u l-Inġinier tal-Kunsill, għaddej il-proċess tal-verifika tal-kontijiet sabiex eventwalment isir il-pagament lill-kuntratturi u jiġu sottomessi l-*claims* meħtieġa biex il-proġett jingħalaq formalment.

24.5.3 Is-Sindku għarraf lill-membri li, fiż-żmien li ġej, l-Kunsill ser ikun qed jibda wkoll il-proċessi mal-Perit għall-permessi neċessarji u għas-sejħa għall-offerti biex isir il-proġett ta' riġenerazzjoni tal-Ġnien Ġebla tal-Poplu fil-Munxar.

Kunsill Lokali Il-Munxar

24.5.4 Is-Sindku ressaq għad-diskussjoni tal-membri l-attivita' annwali li ssir fi Triq L-Isqawi fil-Munxar, il-"Fireworks and Gastronomy Festival" fejn għal sena oħra l-Kunsill kien ottjena fondi mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali biex tittella' il-ħames edizzjoni. Minn din id-diskussjoni ġie deċiż li din is-sena l-attivita' ssir nhar is-26 ta' Ġunju 2026, bil-bdil fid-data tkun minħabba t-temp instabbli li ġeneralment ikun fix-xahar ta' April.

**24.6 Approvazzjoni tal-*Quarterly Financial Report*:**
**Jannar 2025 – Diċembru 2025 (Ir-Raba' Kwart);**

24.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport finanzjarju ta' kull kwart mill-1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta' Diċembru 2025 li ntbagħat wkoll għall-attenzjoni tal-membri permezz ta' *email*.
Ir-rapport finanzjarju tar-raba' kwart Jannar 2025 – Diċembru 2025 ġie approvat unanimament mill-membri preżenti u ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**24.7 Approvazzjoni tal-*Financial Statements* 2025;**

24.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-*financial statements* għas-sena 2025 għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-membri. Dawn l-istqarrijiet finanzjarji kienu intbagħtu wkoll għall-attenzjoni tagħhom permezz ta' *email*.
Il-*financial statements* għas-sena 2025 ġew approvati unanimament mill-membri preżenti u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**24.8 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;**

24.8.1 Il-Kunsill Lokali rċieva l-approvazzjoni għall-permess ta' skavar fi Pjazza tal-Knisja fil-Munxar sabiex isir manutenzjoni fuq l-*istormwater culvert* u jinbena mill-ġdid. Il-Kunsill innota l-kontenut.

24.8.2 Il-Kunsill Lokali rċieva notifika mill-Awtorita' tal-Ippjanar wara s-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-permessi biex jiġu nstallati fanali dekorattivi ġodda fi Triq il-Kavallieri u Triq Rumani fix-Xlendi, kif ukoll biex jiġi nstallat *railing* fi Triq San Xmun fix-Xlendi. Il-Kunsill innota l-kontenut.

Kunsill Lokali Il-Munxar

24.8.3 Il-Kunsill irċieva l-approvazzjoni mingħand Transport Malta sabiex jiġu nstallati żewġ tabelli ġodda fi Triq San Pawl k/ma Triq Ras il-Bajjada fil-Munxar, kif propost mill-Kunsill stess, bl-għan li titnaqqas il-konġestjoni tat-traffiku f'dawk l-inħawi. Il-Kunsill innota l-kontenut.

24.8.4 Il-Kunsill Lokali rċieva korrispondenza minn Heritage Malta, li fiha ġie mitlub tibdil fid-dati tal-attivitajiet tal-Xlendi Tower Open Weekend u l-Shipwreck Festival. Id-dati l-ġodda proposti: Xlendi Tower Open Weekend: is-Sibt 18 u l-Ħadd 19 ta' Lulju 2026; Shipwreck Festival: is-Sibt 19 u l-Ħadd 20 ta' Settembru 2026. Kien hemm qbil mill-membri għal dawn id-dati ġodda.

24.8.5 Il-Kunsill irċieva talba mill-Federazzjoni Maltija Vetturi Antiki (FMVA) sabiex jorganizzaw il-Vintage Motors Festival fi Pjazza tal-Knisja fil-Munxar nhar id-19 t'April 2026 bejn id-9.00am u s-1.00pm. Ma kienx hemm oġġezzjoni mill-membri għal din l-attivita'.

24.8.6 Il-Kunsill irċieva komunikat mid-Diviżjoni Għall-Gvern Lokali dwar l-importanza u l-obbligu legali li l-Kunsill Lokali jinnomina Deputat Segretarju Eżekuttiv sabiex jeżerċita' l-funzjonijiet tas-Segretarju Eżekuttiv kull meta l-kariga tkun vakanti jew meta s-Segretarju Eżekuttiv, għal kwalunkwe raġuni, ma jkunx jista' jaġixxi. Wara li s-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni ta' dan il-komunikat lill-membri preżenti u nfurmahhom li l-Uffiċċjal Amministrattiv II tal-istess Kunsill mhix interessata, kien hemm qbil mill-istess membri sabiex il-Kunsill jiprova jsib lil xi ħadd, ikwalifikat skont il-liġi, minn Kunsill ieħor.

24.8.7 Applikazzjoni għall-permess ta' divertiment mill-Kunsill:

- Attivita' ta' Żwieġ Ċivili fl-inħawi tas-Sanap – 28 ta' Mejju 2026;
- Attivita' tal-Karnival fi Pjazza tal-Knisja – 13 ta' Frar 2026

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni ġaladarba jiġu rrispettati l-kundizzjonijiet tal-Kunsill u l-Kunsill jirċievi n-*no objection* tal-Pulizija u ta' Transport Malta fejn applikabbli.

24.8.8 PQ 33702 – Kunsilli Lokali – Kiri ta' uffiċini. Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba tiegħu.

24.8.9 PQ 33703 – Kunsilli Lokali – Kiri ta' uffiċini. Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba tiegħu.

Kunsill Lokali Il-Munxar

24.8.10 Ċirkulari Nru AKL 2026/007 – Kors online fil-Kitba bil-Malti (MQF 5). Il-Kunsill innota l-kontenut.

24.8.11 Ċirkulari Nru AKL 2026/008 – Bidliet fl-Ispeċifikazzjonijiet tad-Dwal tat-Toroq. Il-Kunsill innota l-kontenut.

24.8.12 Ċirkulari Nru AKL 2026/009 – Kollaborazzjoni għat-tifi tad-dwal waqt l-attivita' tal-'Earth Hour 2026'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

24.8.13 Ċirkulari Nru AKL 2026/010 – Bridges of Trust: Laqgħa Online. Il-Kunsill innota l-kontenut.

24.8.14 Ċirkulari Nru AKL 2026/011 – Polza tal-Assigurazzjoni tal-Flus għall-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil sabiex din il-polza tiġġedded.

24.8.15 Ċirkulari Nru AKL 2026/012 – Personal Accident Policy. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil sabiex din il-polza tiġġedded.

24.8.16 Ċirkulari Nru AKL 2026/013 – Risk Assessments għall-Avvenimenti Pubbliċi. Il-Kunsill innota l-kontenut.

24.8.17 Ċirkulari Nru AKL 2026/014 – Prime Minister School – Inizjattiva ta' Tmexxija u Parteċipazzjoni Ċivika għat-tfajliet. Il-Kunsill innota l-kontenut.

24.8.18 Ċirkulari Nru AKL 2026/015 – Invitation Webinar 25 February: ALDA+ Training Courses. Il-Kunsill innota l-kontenut.

24.8.19 Ċirkulari Nru AKL 2026/016 – Żjara ta' Studju f'Rimini. Il-Kunsill innota l-kontenut.

24.8.20 Ċirkulari Nru AKL 2026/017 – Invitation for a webinar on the 27th of February for Local Councils. Il-Kunsill innota l-kontenut.

24.8.21 Ċirkulari Nru AKL 2026/018 – Bus Shelters Seminar 26/03/2026. Il-Kunsill innota l-kontenut.

Kunsill Lokali Il-Munxar

24.8.22 Ilment 78/2026
Suġġeriment sabiex isir *stormwater catchment* fi Pjazza Anfori fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri li jsir dan ix-xogħol.

24.8.23 Ilment 79/2026
Suġġeriment sabiex tiżdied is-saħħa tad-dawl fi Ġnien Ragalna fil-Munxar. Kien hemm qbil mill-membri sabiex jinbidlu l-bozoz li hemm matul il-passaġġ b'vultaġġ ogħla.

24.8.24 Ilment 80/2026
Resident jitlob sabiex jerġgħu jinżebgħu s-sinjali sofor fi Triq il-Munxar quddiem ir-residenza bl-isem "Kenn Pawlin" minħabba d-diffikulta' biex jidħol bil-vettura tiegħu ġod-*drive-in* meta jkun hemm karozzi pparkjati. Kien hemm qbil sabiex issir spezzjoni fuq il-post.

24.8.25 Ilment 81/2026
Resident jitlob sabiex ikun hemm aktar preżenza tal-Pulizija fi Triq Profs. Ġużè Aquilina fil-Munxar minħabba sewqan eċċessiv, kif ukoll isir xogħol ta' *patching* bit-tarmak quddiem ir-residenza tiegħu fl-istess triq. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

24.8.26 Ilment 82/2026
Residenta fi Triq Żirżieb fix-Xlendi tilmenta dwar ilma tax-xita u ħamrija li qed jaqa' mis-sies ta' Kerċem ġol-bitħa tagħha li qed jikkawża mblukkar fil-katusi tagħha. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill jgħaddi dan l-ilment lill-Ministeru Għal Għawdex u L-Ippjanar.

24.8.27 Ilment 83/2026
Resident jitlob sabiex issir il-bankina quddiem ir-residenza ġdida tiegħu fi Triq Nawfraġju fil-Munxar. Kien hemm qbil mill-membri sabiex tiġi sottomessa l-applikazzjoni fis-sistema tal-Ministeru Għal Għawdex u L-Ippjanar.

## 24.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;

24.9.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 24/2026-9 għall-perjodu bejn is-17 ta' Jannar 2026 u l-20 ta' Frar 2026 li tammonta għal €32,938.37 ġiet approvata u ffirmata. Il-Kunsillier John Farrugia kien il-proponent filwaqt li l-Kunsillier John Cassar is-sekondant.

Kunsill Lokali Il-Munxar

## 24.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

24.10.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.00 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ġimgħa 20 ta' Marzu 2026 fil-5.00 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, il-Ġimgħa 20 ta' Marzu 2026.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Damien Spiteri | Ryan Debrincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Kunsill Lokali Il-Munxar